MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2003

Numru 91/1998

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO BARTOLO**

**VS**

**ANDREW VASWANI**

**Illum 18 ta' Gunju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Andrew Vaswani, ta’ 32 sena, iben Henry u Lal nee’ mahtani, imwieled Sliema nhar il-31 ta’ Marzu 1971 u li joqghod “Patsu House”, Nazju Ellul Street, Gzira;

Talli f’xi jum matul ix-xahar ta’ Jannar 1997, f’dawn il-Gzejjer, ta armi, ghodod jew mezzi ohra li gew uzati fl-eghmil ta’ delitti meta kien jaf li dawn kellhom jigu hekk uzati, jew b’xi mod li jkun, ghen jew assista lil awtur jew awturi tad-delitti fl-atti li bihom id-delitti kienu gew ippreparati jew ikkunsmati, b’dan li l-awturi ta’ l-istess delitti b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann jew billi urew haga b’ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika ghamlu qliegh ta’ aktar minn hamsin lira maltija (Lm50) imma mhux aktar minn hames mitt lira maltija (Lm500);

b) U aktar meta l-awtur jew awturi, f’dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, bi hsara ta’ haddiehor u cioe’ tal-Korporazzjoni tat-Telemalta ghamlu xi qliegh iehor b’qerq li jiskorri l-valur ta’ hamsin lira maltija imma mhux il-hames mitt lira maltija.

c) U aktar meta l-awtur jew awturi, f’dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe’ “telecard” falza;

d) U aktar meta l-awtur jew awturi, f’dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid u cioe’ il-Korporazzjoni tat-Telemalta, id-disinji jew mudelli ta’ manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla ukoll jekk minn haddiehor minghajr il-Kunsens tas-sid;\

e) U aktar, talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi jum matul ix-xahar ta' Jannar 1997, ghal qliegh jew bi skop ta' kummerc, bena, bidel, ghamel,ipposseda, biegh jew xtara xi apparat li bih ikun jista jikkonnetti kontra l-ligi ma' sistema tat-telekomunikazzjoni.

Kif ukoll f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu, jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

Wara illi rat l-Artikolu 309, 298(1), 298(a) tal-Kapitolu 9, kontinwat l-Artikolu 18 ta' l-istess Kapitolu, u l-Artikolu 308 u 184 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 41;

Ikkonsidrat:

Illi l-provi tal-Prosekuzzjoni, ma' jhallu ebda dubbju lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif akkuzati.

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-koperazzjoni ta' l-imputat ma' l-Awtoritajiet investigattivi u l-fatt illi huwa ma' ghamel l-ebda qliegh minn din it-transazzjoni, din il-Qorti qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum, a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------